MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tas-7 ta' April, 2008

Citazzjoni Numru. 19/2007

**Emanuel Micallef**

**vs**

**Saviour u Antoinette konjugi Micallef;**
**Simone Micallef biss ai fini ta’ l-integrita’ tal-gudizzju.**

**Il-Qorti**

**Preliminari**

Rat **l-atti tar-rikors** li permezz tieghu r-rikorrent ssottometta:

Illi l-attur jikri lill-konvenuti Saviour u Antoinette konjugi Micallef il-fond ossija garage bl-isem ta’ ‘MSM 1’ fi Triq

Nicola’ Baldacchino Siggiewi u dan permezz ta’ skrittura ta’ lokazzjoni hawn annessa u mmarkata Dok. ‘EM 1’;

Illi l-konvenuti Saviour u Antoinette konjugi Micallef kissru obbligu principali fil-ftehim ta’ bejn il-partijiet u dan billi ilhom zmien twil ma’ jhallsu kera` kif ukoll kontijiet tad-dawl u l-ilma hekk kif se jipprova l-attur waqt it-trattazzjoni ta’ din il-kawza u dan nonostante illi gew diversi drabi nterpellati min-naha ta’ l-attur halli huma jaghmlu dan;

Illi l-istess konvenuti Saviour u Antoinette konjugi Micallef iddekadew mill-obbligi taghhom ai termini ta’ klawsola numru tlieta (3) ta’ l-istess ftehim lokatizzju billi ma hallsux u dan nonostante illi l-istess attur interpella lill-istess konvenuti permezz ta’ ittra ufficjali datata 25 ta’ Mejju, 2006 liema ittra ufficjali giet debitament innotifikata, kif ukoll ma hallsux kontijiet tad-dawl u l-ilma lill-korporazzjonijiet kompetenti;

Illi l-attur jirrileva illi sad-data tal-prezentata tal-kawza odjerna l-konvenuti Saviour u Antoinette konjugi Micallef ghandhom jaghtu lill-attur bhala arretrati ta’ kera s-somma ta’ elf tlett mija u hamsa u sebghin lira Maltin (Lm1,375);

Illi l-attur jirrileva illi l-konvenuta Simone Micallef li tigi mart l-attur ghandha l-‘*locus standi’* ta’ konvenuta f’din il-kawza biss ai fini t’integrita’ tal-gudizzju u dan billi hija kienet firmatarja ta’ l-istess skrittura ta’ lokazzjoni nonostante illi l-imsemmi fond huwa proprjeta’ parafernali ta’ l-attur u l-istess attur flimkien mal-konvenuta Simone Micallef bhalissa ghaddejjin minn proceduri gudizzjarji ta’ separazzjoni personali;

Illi ghalhekk l-attur kellu jaghmel din il-kawza;

Ghaldaqstant l-attur umilment jitlob li ghar-ragunijiet hawn fuq premessi din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara illi l-konvenuti Saviour u Antoinette konjugi Micallef iddekadew mill-obbligi tal-ftehim taghhom ma’ l-attur u dan billi ma hallsux il-kera, kif ukoll il-kontijiet tad-dawl u l-ilma tal-fond mikrija lilhom;

2. Tiddikjara illi minhabba tali nuqqas da parti tal-konvenuti Saviour u Antoinette konjugi Micallef il-ftehim lokatizzju bejn il-kontendenti ghandu jigi xolt;

3. Tordna l-izgombrament tal-konvenuti Saviour u Antoinette konjugi Micallef mill-fond hawn fuq indikat;

4. Tiffissa terminu qasir u perentorju ai fini tat-tielet talba;

5. Tordna lill-konvenuti Saviour u Antoinette konjugi Micallef ihallsu lill-attur l-arretrati ta' kera li kienu ghadhom ma thallsux sad-data tal-prezentata ta' din il-kawza fl-ammont ta' elf tlett mija u hamsa u sebghin lira Maltin (Lm1,375);

6. Tiffissa l-ammont illi l-istess konvenuti Saviour u Antoinette konjugi Micallef ghandhom ihallsu lill-attur rapprezentanti kontijiet tad-dawl u l-ilma li hemm pendenti sad-data ta' l-izgombrament mill-korporazzjonijiet kompetenti;

7. Tordna lill-istess konvenuti jhallsu lill-attur is-somma ffissata ai fini tas-sitt (6) talba jew alternattivament u jekk ikun il-kaz jindennizzaw lill-istess attur ghal dawk il-kontijiet kollha li ghad hemm pendenti sad-data ta' l-izgombrament taghhom u li kellu jhallas l-istess attur lill-korporazzjonijiet kompetenti;

Bl-ispejjez kollha, nkluzi dawk ta' l-ittra legali datata 25 ta' Mejju, 2006 kontra l-konvenuti Saviour u Antoinette konjugi Micallef biss u l-konvenuti kollha minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat li l-intimati Saviour Micallef et debitament notifikati (ara fol 25 a tergo) baqghu kontumaci;

Rat li Simone Micallef ghalkemm debitament notifikata ddikjarat li mhiex se tikkontesta t-talba billi hija giet interpellata biss ai fini ta' l-integrita tal-gudizzju billi kienet firmatarja ta' l-istess ftehim lokatizzju.

Peress illi mir-rikors guramentat ta’ l-attur it-talba attrici tidher li hija gustifikata.

**Decizjoni**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi
Billi tilqa’ t-talbiet tar-rikorrent
U tordna l-izgumbrament tal-konjugi Micallef mill-fond ossija *garage* bl-isem ta’ MSM1 fi Triq Nichola Baldacchino Siggiewi zmien hmistax improrogabbli mil-lum;
Tordna lill-intimati Micallef ihallsu lir-rikorrent l-arretrati ta’ kera fl-ammont ta’ tlett elef mitejn u zewg euro u disgha u tmenin centezmi (Euro 3202.89 eqwivalenti ghal Lm1,375) ;
Tastjeni milli tiehu konjizzoni tas-sitt (6) u seba’ (7) talbiet tar-rikorrent billi ma tressqux provi dwarhom.
Spejjez kollha ghall intimati Saviour u Antoinette Micallef.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------